# FIL-QORTI ĊIVILI

# (SEZZJONI TAL-KUMMERĊ)

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

# Illum it-Tnejn 14 ta' Frar, 2022

**Kawża Nru. 9**

**Rik. Nru. 26/2020 ISB**

**Av. Jonathan Abela Fiorentino, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 555482(M) bħala mandatarju speċjali ta' The Trigger Company AB, socjeta' estera inkorporata taht il-ligijiet tal-Isvezja bin-numru ta' registrazzjoni 559076-6449 u b'indirizz registrat ta' Kungsgatan 60, 111 22, Stokkolma fl-Isvezja**

**Vs**

**Portrush Ltd (C72477)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**rikors** ta' l-**Av. Jonathan Abela Fiorentino,** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 555482(M) **bħala mandatarju speċjali ta' The Trigger Company AB,** pprezentat fl-24 ta' Lulju 2020, li permezz tieghu huwa espona bir-rispett:

*1. Illi r-rikorrent nomine jinsab debitament awtorizzat li jirraprezenta lil The Trigger Company AB u dan skont prokura li kopja taghha tinsab hawn annessa (**Dok. A**), b'rizerva li tigi pprezentata l-prokura originali animo ritirandi jekk ikun il-kaz fl-istadju opportun;*

*2. Illi dan huwa rikors ibbazat fuq l-Artikolu 214(2)(b)(ii) u l-Artikolu 218(1)(c) tal-Att dwar il-Kumpanniji, Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*3. Illi s-socjeta' rikorrenti hija kreditrici tas-socjeta' intimata fl-ammont ta' mitejn tmienja u sittin elf u tmien mitt Krona Svediz (Kr 268,800.00) ekwivalenti fil-gurnata tal-prezentata ta' dan ir-rikors ghal sitta u ghoxrin elf mija u erbatax-il ewro u sitta u hamsin centezmu (€26,114.56), oltre' ghal imghax u spejjez, u dana kif jirrizulta mill-annessi dokumenti (**Dok. B** sa **Dok. D**);*

*4. Illi ghalkemm interprellata biex thallas l-ammont dovut diversi drabi, is-socjeta' intimata baqghat inadempjenti;*

*5. Illi ai termini tal-artikolu 214(2)(b)(ii) tal-Att dwar il-Kumpanniji, Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta:*

*"(b) kumpannija ghandha tkun xolta bil-qorti fil-kazijiet li gejjin-*

*(ii) in-numru ta' diretturi jkun nizel ghal inqas mill-minimu preskritt bl-artikolu 137 u jibqa' hekk nieqes ghal aktar minn sitt xhur;"*

*6. Illi l-Artikolu 137(2) tal-Att dwar il-Kumpanniji, Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovi li:*

> *"(2) Kull kumpannija privata ghandu jkollha ghall-anqas direttur wiehed…"*

*7. Illi l-iStatut tas-socjeta' intimata jiddisponi li l-bord tad-diretturi taghha ghandu jkun kompost minn mhux aktar minn tlett (3) diretturi (**Dok. E** u **Dok. F**);*

*8. Illi hekk kif jirrizulta mill-annessi dokumenti mnizzlin mill-website tal-Malta Business Registry (**Dok. G** sa **Dok. J**), is-socjeta' intimata ilha minghajr direttur mid-29 t'Ottubru tas-sena 2018 u dan wara r-rizenja tal-ufficjali kollha tal-kumpannija, inkluzi d-diretturi;*

*9. Illi fic-cirkostanzi u wara dan id-dekors kollu ta' zmien, ma hemmx lok li tali nuqqas jigi rimedjat u lanqas ma jezistu ragunijiet xierqa u validi sabiex dan isir;*

*10. Illi ghalhekk, jezistu r-rekwiziti kollha rikjesti mill-ligi sabiex issehh ix-xoljiment u konsegwenti stralc tas-socjeta' intimata.*

*Ghaldaqstant, in vista tal-premess, is-socjeta' rikorrenti titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimentii kollha opportuni, joghgobha:*

*1. Tiddikjara u tiddeciedi, ai termini tal-artikolu 214(2)(b)(ii) fuq citat, li hemm ragunijiet sufficjenti ghax-xoljiment u stralc tas-socjeta` Portrush Ltd;*

*2. Tiddikjara u tiddeciedi li fic-cirkostanzi ma jezistu l-ebda ragunijiet xierqa u validi bizzejjed li jimmeritaw li l-kumpannija intimata ma tigix xolta;*

*3. Tordna x-xoljiment u l-istralc tas-socjeta' intimata Portrush Ltd a tenur tal-Artikolu 214(2)(b)(ii) tal-Att dwar il-Kumpanniji, Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*4. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex jikkomunika lir-Registratur tal-Kumpanniji l-avviz tax-xoljiment u stralc relattiv tas-socjeta' Portrush Ltd ghar-registrazzjoni u pubblikazzjoni;*

*5. Tinnomina u tahtar stralcatarju, jekk inhu l-kaz, biex isir l-istralc tas-socjeta` Portrush Ltd bis-setghat u d-dmirijiet kif huma definiti u previsti fl-Att Dwar il-Kumpanniji, Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Bl-ispejjez u b`rizerva ghal kwalsiasi azzjoni ulterjuri spettanti lis-socjeta` attrici.*

Rat id-dokumenti li kienu prezentati mar-rikors (Dok A sa Dok J) (fol 4 sa fol 87).

Rat id-digriet taghha (kif diversament preseduta) tat-13 ta' Awissu 2020 fejn ir-rikors kien appuntat ghas-smigh ghall-udjenza tas-16 ta' Novembru 2020 fl-10:30am.

Rat illi r-Registratur tal-Kumpanniji kien notifikat fl-14 ta' Awissu 2020 (ara tergo ta` fol 89).

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma u partikolarment dak tal-udjenza tal-16 ta' Novembru 2020 minn fejn jirrizulta illi l-Qorti ddegretat illi l-kumpannija intimata kellha tigi rapprezentata minn *kuraturi ad litem*.

Rat illi giet nominata ghal dan il-ghan Dr Charmaine Cherret u b'nota taghha tad-9 ta' Frar 2021 (fol 102), hija irrispondiet ghall-kawza billi stqarret illi ma kinitx edotta mill-fatti u rrizervat illi tipprezenta risposta ulterjuri fi stadju ulterjuri.

Semghet l-uniku xhud prodott mir-rikorrenti noe fis-seduta tal-24 ta' Settembru 2021;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza, inkluz mill-provi mressqa.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirrizulta illi dan huwa procediment li ttiehed mill-kumpannija kummercjali estera **The Trigger Company AB,** socjeta' estera nkorporata taht il-ligijiet tal-Isvezja bin-numru ta' registrazzjoni 559076-6449 u b'indirizz registrat fi Stokkolma fl-Isvezja, kif rapprezentata mill-Avukat Jonathan Abela Fiorentino, u dan ai termini tal-Artikoli **214(2)(b)(ii) u 218(1)(c) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Is-socjeta` estera The Trigger Company AB tikkontendi illi hija kreditrici tas-socjeta' intimate Portrush Ltd (C-72477) fl-ammont ta' mitejn, tmienja u sittin elf u tmien mitt Krona Svediz (Kr 268,800.00), ekwivalenti fil-gurnata tal-prezentata tar-rikors ghal sitta u ghoxrin elf mija u erbatax-il ewro u sitta u hamsin centezmu (€26,114.56), oltre' ghal imghax u spejjez.

Hija tippremetti illi ghalkemm interprellat lis-socjeta` Portrush Limited sabiex thallas l-ammont dovut diversi drabi, din baqghat inadempjenti.

Is-socjeta` rikorrenti ppremettiet illi skond l-istatut taghha, is-socjeta` Portrush Limited suppost illi ghandu jkollu, f'kull hin, bord tad-diretturi ta' mhux aktar minn tlett diretturi, u tikkontendi illi fid-29 ta' Otturbu 2018 rrizenjaw l-ufficjali kollha tal-kumpannija, inkluz mid-diretturi, u baqghu ma nhatrux ohrajn minflokhom.

Is-socjeta` rikorrenti ghamlet referenza ghall-Artikolu 214(2)(b)(ii) tal-KAP 386 li tghid espresament illi meta n-numru ta' diretturi jkun nizel ghal inqas mill-minimu preskritt mill-artikolu 137 u jibqa' hekk nieqes ghal aktar minn sitt xhur, allura jista' jintalab ix-xoljiment tal-kumpannija - u peress illi ilha dan iz-zmien kollu minghajr diretturi, tghid illi fic-cirkostanzi u wara dan id-dekors kollu ta' zmien, ma hemmx lok li tali nuqqas jigi rimedjat u lanqas ma jezistu ragunijiet xierqa u validi sabiex dan isir.

Ikkunsidrat Ulterjorment:

Illi mill-Memorandun & Articles of Association tal-kumpannija Portrush Limited (DOK E) jirrizulta illi l-kumpannija kellha titmexxa u tigi amministrata minn bord ta' diretturi ta' mhux aktar minn tlett diretturi (klawsola 6 tal-Memo) u l-istess klawsola baqghet hekk anke meta gie sostitwit l-istess statut (DOK F). B'din il-verzjoni emendata, il-bord tad-diretturi gie issa maghmul minn zewg diretturi u mhux wiehed, precizament Adrian Sciberras u Daryl Caruana.

Illi minn FORM K ipprezentata lill-MFSA fit-18 ta' Settembru 2018 (DOK H) jirrizulta illi Daryl Caruana irrizenja minn direttur, filwaqt illi b'FORM K ohra (DOK G) irrizenja minn direttur l-imsemmi Adrian Sciberras b'effett mid-29 ta' Ottubru 2018.

Minn document DOK J, estratt mill-web-site tal-Malta Business Registry mbaghad, jirrizulta illi l-kumpannija, fit-22 ta' Lulju 2020, kienet ghadha minghajr diretturi.

Dan kollu gie kkonfermat fix-xhieda guramentata tal-PL Quentin Tanti in rapprezentanza tal-Malta Business Registry meta xehed u pprezentata d-dokumenti relattivi fl-udjenza tal-24 ta' Settembru 2021. Fil-fatt, mistoqsi mill-Qorti jaghti snapshot tal-ufficjali tal-kumpannija llum, ix-xhud wiegeb "*irrezenja kulhadd, l-ahhar rizenja kienet fid-29 ta' Ottubru 2018*".

**Ikkunsidrat ulerjorment:**

Illi dak kollu premess mis-socjeta` rikorrenti mhux biss gie kkonfermat mill-Malta Business Registry izda huma provi li ma humiex bl-icken mod kontradetti.

**L-Art. 214(2)(b)(ii) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta**

Id-disposizzjoni tal-KAP 386 li abbazi taghha hija msejjsa din il-procedura huwa l-artiklu **214(2)(b)(ii)**, jipprovdi hekk:

> *kumpanija għandha tkun xolta bil-qorti fil-każijiet li ġejjin –*
>
> *in-numru ta'diretturi jkun niżel għal inqas mill-minimu preskritt bl-artikolu 137 u jibqa' hekk nieqes għal aktar minn sitt xhur;*

Mill-provi prodotti jirrizulta ampjament ppruvat ghall-Qorti illi l-kumpannija in kwistjoni, Portrush Limited (C-72477) ilha minghajr diretturi, wisq anqas il-minimu preskritt bil-ligi, ghal diversi snin, ferm aktar mis-sitt xhur preskritti bil-ligi. Illi dawn il-fatti mhux biss huma kkonfermati mid-dokumenti esebiti mill-Malta Business Registry izda huma ukoll provi mhux kontradetti mill-kumpannija intimata.

Il-provi inkontestati ma jhallu ebda dubbju f'mohh il-Qorti illi gew sodisfatti il-kriterji rikjesti bil-ligi biex il-Qorti tkun tista' tordna illi l-kumpannija Portrush Limited tigi xjolta u stralcjata.

**GHALDAQSTANT**, il-Qorti, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ccitati, jidhrilha illi gew sodisfatti il-voti tal-ligi sabiex tkun tista` tghaddi biex takkolja it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti u tenut kont ta` l-assjem ta` fatti u cirkostanzi li l-Qorti giet mgharrfa bihom, din il-Qorti qeghda <u>tilqa' t-talbiet kif dedotti</u> fir-rikors tas-socjeta` rikorrenti u:

1. ***Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara** illi ai termini tal-artikolu 214(2)(b)(ii) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta, hemm ragunijiet sufficjenti ghax-xoljiment u stralc tas-socjeta` Portrush Ltd;*

2. ***Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara** illi fic-cirkostanzi ma jezistu l-ebda ragunijiet xierqa u validi bizzejjed li jimmeritaw li l-kumpannija intimata ma tigix xolta;*

3. ***Tilqa' t-tielet talba u tordna*** *x-xoljiment u l-istralc tas-socjeta' intimata Portrush Ltd a tenur tal-Artikolu 214(2)(b)(ii) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta;*

4. ***Tilqa' r-raba' talba u tordna*** *lir-Registratur tal-Qorti sabiex jikkomunika lir-Registratur tal-Kumpanniji l-avviz tax-xoljiment u stralc relattiv tas-socjeta' Portrush Ltd ghar-registrazzjoni u pubblikazzjonijiet necessarji skond il-ligi;*

5. ***Tilqa' l-hames talba u tinnomina u tahtar stralcatarju*** *tas-socjeta` Portrush Ltd lir-**Ricevitur Ufficjali** u taghti* lill-istralcarju s-setghat u d-dmirijiet kollha li huma previsti fil-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta, fosthom illi:

a) Wara li jikseb dikjarazzjoni dwar il-qaghda tal-kumpannija de quo, ai termini tal-Artiklu 226 tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta, jaghmel rapport lill-Qorti ai termini tal-artiklu 227 tal-istess KAP 386,

b) Jaghmel il-verifiki kollha necessarji u opportuni dwar l-assi u d-djun tal-kumpannija de quo u jekk ikun il-kaz, jirraporta dwar il-gradwazzjoni tad-djun.

c) Jiehu taht il-kustodja u l-kontroll tieghu kwalsiasi assi illi talvolta l-kumpannija **Portrush Limited (C-72477)** jista' ghandha, u dan ai termini tal-Artiklu 237 tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta.

d) Jaghmel u jiddefendi kwalsiasi azzjoni jew proceduri legali fl-isem u l-interess tal-kumpannija de quo.

e) Jirrelata dwar il-mizuri mehtiega ghall-harsien ta' kwalsiasi assi li l-kumpannija jista' ghandha,

6. **Tordna** lill-istralcjarju sabiex jipprezenta rapport tal-hidma tieghu sa qabel l-udjenza li jmiss.

7. **Tordna** li l-ispejjez u drittijiet kollha naxxenti minn dan il-procediment, inkluzi l-ispejjez kollha tal-istralc komprizi l-ispejjez u d-drittijiet tal-istralcjarju, ghandhom jithallsu mill-kumpannija rikorrenti u minn dik intimata in solidum bejniethom.

**Finalment, il-Qorti qed tordna illi minghajr dewmien ir-Registratur tal-Qrati jghaddi kopja legali ta' din id-decizjoni lir-Ricevitur Ufficjali u lir-Registratur tal-Kumpanniji u qed thalli l-istralc ghar-rapport ta' l-istess Ricevitur Ufficjali.**

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**